MALTA
FOUNDED 1959

# MANCHESTER UNITED

# SUPPORTERS' CLUB

# MALTA

MISRAH IL-BARRIERI,
MSIDA MSD 1101

STATUT

U

REGOLAMENTI

RIVEDUT APRIL 1997
RIVEDUT LULJU 1999
RIVEDUT ĠUNJU 2000
RIVEDUT ĠUNJU 2002
RIVEDUT ĠUNJU 2003
RIVEDUT ĠUNJU 2009
RIVEDUT LULJU 2011
RIVEDUT LULJU 2012
RIVEDUT LULJU 2013
RIVEDUT LULJU 2014
RIVEDUT FRAR 2015
RIVEDUT LULJU 2015
RIVEDUT LULJU 2016
RIVEDUT LULJU 2019
RIVEDUT SETTEMBRU 2021
RIVEDUT LULJU 2022
RIVEDUT LULJU 2023
RIVEDUT SETTEMBRU 2024
RIVEDUT LULJU 2025
**RIVEDUT LULJU 2026**

(ADDIZZJONIJIET SKONT L-AĦĦAR REVIŻJONI QEGĦDIN B'**TIPA SKURA**)
(IL-VERŻJONI MALTIJA HIJA L-VERŻJONI UFFIĊJALI)

**<u>KAP I – Il-Klabb</u>**

1. L-isem tal-Klabb ikun magħruf uffiċjalment bħala: Manchester United Supporters' Club, Malta.

2. Għall-fini ta' dan id-dokument it-terminu 'Kumitat' qed jagħmel referenza għal-Kumitat Eżekkutiv tal-Klabb.

3. L-indirizz postali tal-Klabb ikun skont il-lokalità li fiha jinsab il-Klabb.

4. L-Arma tal-Klabb għandha tkun skont ma tidher fuq il-faċċata tal-Istatut.

*5.* L-għan prinċipali tal-Klabb ikun biex ikabbar l-isem tal-Manchester United Football Club, u biex jinkoraġġixxi aktar support għat-tim fil-Gżejjer Maltin u barra.

6. Ħadd ma jista' jitlob li l-Klabb jiġi xolt sakemm ikun hemm numru ta' mhux inqas minn mitt (100) membru li ħallsu l-miżata.

7. Kliem jew argumenti politiċi (lokali/barranin) ma jistgħux isiru ġewwa l-bini tal-Klabb.

8. L-ilsien Malti huwa l-lingwa uffiċjali tal-Klabb, iżda l-ilsien Malti u Ingliż huma ż-żewġ lingwi li jintużaw mill-Klabb f' korrispondenzi u rivisti.

9. F'każ ta' korrispondenza li se tintbagħat f'Malta, din għandha tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u jekk tkun se tintbagħat barra mill-gżejjer Maltin wkoll, għandha tkun bl-Ingliż.

10. Il-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Klabb jiġu ffissati mill-Kumitat. Il-Kumitat huwa marbut li jiftaħ il-Klabb almenu darbtejn (2) fil-ġimgħa. **Matul ix-xahar ta' Lulju il-Klabb jiftaħ darba biss matul il- ġimgħa u ma jiftaħx il-Ħadd fil-għodu.** Dan ma jorbotx ġranet u ħinijiet tal-Bar.

11. It- Teżorier huwa marbut li jżomm inventarju tal-proprjetà tal-Klabb. Kopja tal-inventarju trid tinżamm mit- Teżorier u kopja oħra mis-Segretarju. Kull membru jista' jitlob li jara l-inventarju meta jħoss il-ħtieġa. Talba bil-miktub trid tintbagħat lill-Kumitat u sa żmien xahar trid tingħata risposta. L-inventarju jrid jiġi aġġornat kull sena li jkun imiss elezzjoni għall-Kumitat ġdid.

12. L-ebda proprjeta' tal-Klabb ma tista' tintuża ġewwa jew barra mill-bini mingħajr il-permess tal-Kumitat.

13. Ma tista' tingħata jew tissellef l-ebda propjetà mill-inventarju mingħajr il-permess tal-Kumitat.

14. F'każ li l-Klabb jiġi xolt, il-proprjetà kollha li tkun inkluża fl-inventarju dakinnhar tax-xoljiment għandha titqiegħed fill-pussess ta' kuratur, li jintgħażel fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja, li jintrabat li jagħti l-affarijiet kollha lura fil-każ li l-Klabb jerġa' jitwaqqaf. Jekk jinstab li hemm xi dejn, dan għandu jitħallas mill-bejgħ tal-assi f'idejn l-istess kuratur.

15. Jekk sa sitt (6) xhur mix-xoljiment, il-Klabb ikun għadu ma twaqqafx, l-affarijiet imsemmija f'artiklu 13 għandhom jinbiegħu f'irkant u l-flus miġbura **għandhom jiġu trasferiti lil organizzazzjoni volontarja waħda jew aktar li għandhom objettivi simili, kif determinat mill-korp governattiv u skont il-liġi Maltija u r-rekwiżiti tal-Kummissarju għall- Organizzazzjonijiet Volontarji.**

16. Il-Klabb għandu jaħtar u jistabbilixxi konsulent legali biex jassisti lill-Kumitat fil-kwistjonijiet legali kollha.

**KAP II - Sħubija fil-Klabb**

1. L-applikazzjoni, fuq formola uffiċjali, għas-sħubija fil-Klabb għandha tkun miftuħa għal ċittadini u/jew residenti tal-Gżejjer Maltin u/jew nies li joqogħdu barra minn Malta.

2. Il-Kumitat għandu l-jedd jaċċetta jew jiċħad kull applikazzjoni li jirċievi. Kull membru tal-Kumitat għandu l-jedd li jitlob votazzjoni sigrieta għal kull applikazzjoni li titressaq quddiem il-Kumitat. Fil-każ li l-Kumitat jiċħad applikazzjoni, ma jkunx marbut li jagħti raġuni għaliex.

3. Jekk il-Kumitat jiċħad l-applikazzjoni, l-applikant ma jistax jerġa' japplika qabel ma tgħaddi sena.

4. Meta applikant jiġi aċċettat bħala membru tal-Klabb, dan/din ikun/tkun marbut/a bl-Istatut u r-Regolamenti tal-Klabb, kif ukoll minn xi deċiżjonijiet u direttivi li mhumiex kontemplati fl-Istatut. Kull membru jista' jiġi mneħħi għal raġunijiet dixxiplinarji b'deċiżjoni tal-Kumitat.

5. Meta jkun hemm proposta għal żieda fil-miżata lokali din trid tiġi deċiża waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja li trid tissejjaħ sa' qabel jagħlaq l-istaġun kurrenti fuq proposta tal-Kumitat. Is-sena ta' sħubija tibda mill-1 ta' Ġunju u tagħlaq fil-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara. Il-membri għandhom sal-aħħar tas-sena tas-sħubija biex iġeddu il-menswalità.

6. Kulħadd, inkluż il-membri tal-Kumitat, huwa marbut li jħallas l-menswalità kollha ħlief għall-Presidenti Onorarji, Membri Onorarji u xi membri li l-Kumitat jidhirlu li l-menswalità tagħhom tkun kumplimentarja.

7. Il-menswalità għandha tinqasam f'dawn il-kategoriji:

I. Sħubija ta' tfal (0 – 12-il sena)

II. Sħubija taż-żgħażagħ (13 – 15-il sena)
III. Sħubija tal-adulti (16 – 65 sena)
IV. Sħubija tal-adulti għal-tliet snin (16-65 sena)
V. Sħubija tal-anzjani (66 sena 'il fuq)
VI. Sħubija tal-anzjani għal-tliet snin (66 sena 'il fuq)
VII. Sħubija għal għomor il-membru
VIII. Sħubija ta' familja (2 adulti w tfal taħt is-sittax-il sena)
IX. Sħubija Internazzjonali

8. Is-sħubija Internazzjonali tal-klabb tintitola lill-applikant biex jirċievi 'card' tal-menswalità u verżjoni diġitali tar-rivista 'Echoes from Old Trafford'. Persuni b'indirizz barra mill-gżejjer Maltin biss jistgħu japplikaw għal-din il-kategorija.

9. Il-kategorija tal-menswalità għas-sħubija fil-Klabb li tapplika hija skont l-età tal-applikant fl-1 ta' Ġunju għal-istaġun li s-sħubija tkun qed issir.

10. Meta tkun qed tintgħazel menswalità tat-tliet snin u matul it-tliet snin in kwistjoni ikun hemm tibdil fil-kategorija tal-menswalità minħabba l-età, minn zgħazugħ għal adult jew minn adult għal anzjan, ir-rata tal-menswalità tkun trid tiġi riveduta.

**<u>KAP III - Tmexxija tal-Kumitat</u>**

1. Il-Klabb ikun immexxi minn Kumitat , magħmul minn massimu ta' ħdax-il membru, li jiġi elett f'Laqgħa Ġenerali Annwali (minn hawn il quddiem imsejjaħ bħala "LĠA").

2. Il-Kumitat ikun magħmul minn dawn l-irwoli:
I. President
II. Viċi President
III. Segretarju
IV. Assistent Segretarju
V. Teżorier
VI. Assistent Teżorier
VII. Segretarju tal-Menswalità

L-irwoli imniżżla hawn fuq huma rwoli mandatorji, filwaqt li l- irwoli l-oħra jistgħu jiġu attribwiti skont l-esiġenzi tal-Kumitat.

3. Il-Kumitat ikollu l-jedd għat-tmexxija tal-Klabb għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew sakemm issir il-LĠA tat-tieni sena (ara Kapitlu IX Klawsola 1) mid-data tal-ħatra.

4. Il-Kumitat għandu jiltaqa' għall-inqas darba fix-xahar. Il-'quorum' għal kull laqgħa jkun ta' nofs il-membri u wieħed.

5. Il-laqgħat tal-Kumitat jiġu mmexxija mill-President, jew, fl-assenza tiegħu, mill-Viċi-President. Jekk l-ebda wieħed minnhom ma jkun preżenti, irid jinħatar wieħed mill-membri preżenti biex imexxi l-laqgħa.

6. Jekk matul is-sentejn tinqala' xi vakanza fil-Kumitat, din għandha timtela minn dak il-membru li wara l-membri eletti jkun ġab l-ogħla numru ta' voti fl-aħħar elezzjoni tal-Kumitat.

7. Jekk ikun hemm xi membri li kkontestaw l-elezzjoni, jiġu eletti u ma jaċċettawx, jew ma jkunx hemm aktar minn ħdax-il (11) membru li ħarġu għall-elezzjoni, il-Kumitat għandu d-dritt li jappunta lil min irid, basta jkun membru tal-Klabb.

8. Jekk f'laqgħa tal-Kumitat tkun qiegħda tiġi diskussa xi ħaġa li għandha konnessjoni ma' xi membru tal-Kumitat, dan il-membru għandu jħalli l-kamra.

9. Jekk membru tal-Kumitat jonqos li jattendi tliet (3) seduti tal-Kumitat konsekuttivi mingħajr raġuni valida, dan jiġi sospiż. Fiż-żmien tas-sospensjoni l-membru għandu d-dritt li jagħti raġuni għan-nuqqas tiegħu. Jekk f'dan iż-żmien stipulat ma jagħtix raġuni, jiġi awtomatikament imneħħi mill-Kumitat.

10. Is-Segretarju għandu jissottometti għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa ta' qabel fil-laqgħa li jmiss. Dawn il-minuti jridu jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarju wara li jkunu nstabu li huma korretti.

11. Il-Kumitat m'għandu l-ebda dritt/jedd jissellef jew jislef, ebda flus f'isem il-Klabb, u jekk jinqala' l-bżonn irid jitlob l-approvazzjoni waqt Laqgħa Ġenerali.

12. Kull membru tal-Kumitat huwa marbut li meta jispiċċa mill-kariga ma jikxef xejn minn dak li jkun intqal fiaqgħat tal-Kumitat fiż-żmien li hu kien jifforma parti mill-Kumitat. Jekk l-eks membru tal-Kumitat jinqabad li għamel hekk, jista' jitkeċċa minn membru tal-Klabb. Il-Kumitat iżomm id-dritt li jieħu l-passi neċessarji fuq il-membri kollha u eks membri.

13. Kull membru tal-Kumitat li jirriżenja, jitneħħa jew jispiċċa mill-Kumitat, għandu jirritorna fi żmien għaxart (10) ijiem kull proprjetà tal-Klabb li tkun tinsab fil-pussess tiegħu. Matul dan iż-żmien għandu wkoll jagħti rendikont li jkun konness mal-kariga tiegħu fill-Kumitat.

14. Kull deċiżjoni tal-Kumitat għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi ta' voti. Kull membru tal-Kumitat għandu jkollu d-dritt jitlob għal vot sigriet.

15. Il-Kumitat jista' japponta persuna, fuq bażi 'part time', sabiex tgħin f'xogħol amministrattiv. Il-ħlas għal dan ix-xogħol ikun relatat ma' kemm sigħat jitħaddmu u l-ħinijiet ikunu ddettati mill-Kumitat.

16. Fl-eventwalità li wara li Membru tal-Kumitat jirriżenja, jitneħħa u/jew jieqaf milli jifforma parti mill-Kumitat, u jkun imiss tnejn jew iktar kandidati li jkunu ġabu

l-istess numru ta' voti fl-aħħar elezzjoni, allura elezzjoni bejn il-kandidati eliġibbli trid issir sa mhux aktar tard minn xahar minn meta l-post fil-Kumitat ikun ġie vakant.

17. Il-membri tal-Kumitat ikollhom id-dritt li jinkludu s-suġġett li jridu fl-aġenda tal-Laqgħa tal-Kumitat biex dan jiġi diskuss, basta ssir talba għal dan bil-miktub lill-President jew lis-Segretarju.

18. Riżenji: Membri tal-Kumitat li jkunu jixtiequ jagħtu r-riżenja tagħhom għandhom jagħmlu dan bil-miktub. Dawn ir-riżenji jridu jintbagħtu lill-President, barra r-riżenja tal-persuna li jkollha l-kariga ta' President. F'dan il-każ din ir-riżenja trid tintbagħat bil-miktub lis-Segretarju. (Ara wkoll Regolamenti Kap. 3, Nru. 13).

**<u>KAP IV - Membri Onorarji</u>**

1. Il-Kumitat għandu d-dritt li jinnomina Patruni, li jkunu jew kienu uffiċjali ta' M.U.F.C., Presidenti Onorarji, li jkunu servew għal tal-inqas sena bħala Presidenti tal-Klabb, u Membri Onorarji tal-Klabb, li fil-fehma tal-membri jkunu servew ta' xi ġid partikolari għall-Klabb. In-nomini jridu jiġu approvati fil-LĠA. Dawn il-ħatriet iridu jiġu approvati/mġedda kull sena fil-LĠA jekk in-nomina ma tkunx għal għomor il-membru.

2. Jekk xi President Onorarju jew Membru jiddeċiedi li joħroġ għall-elezzjoni tal-Kumitat, l-ewwel għandu jirreżenja minn President jew Membru Onorarju. Jekk il-Membru ma jiġix elett, il-Membru jista jerġa' jiġi maħtur bl-istatus Onorarju li kellu jekk ikun approvat fil- LĠA.

**<u>KAP V - Dmirijiet ta' l-Uffiċjali u l-Assistenti tagħhom</u>**

1. Il-President huwa l-ogħla amministratur tal-Klabb u huwa, jew rappreżentant tiegħu approvat mill-Kumitat, għandu l-jedd li jidher f'kull okkażjoni f'isem il-Klabb, inklużi r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja.

2. Huwa għandu d-dmir li jsejjaħ, permezz tas-Segretarju, il-laqgħat kollha tal-Kumitat u l-Laqgħat Ġenerali. L-ebda laqgħa ma tista' ssir mingħajr l-approvazzjoni tiegħu, jew ta' terz (1/3) mill-membri tal-Kumitat.

3. Barra l-vot ordinarju, il-President ikollu dritt għal *casting vote* f'każ li l-voti jiġu ndaqs.

4. Il-Viċi-President huwa fid-dmir li jieħu r-responsabbiltajiet kollha tal-President kull meta dan, għal xi raġuni serja, ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu.

5. Is-Segretarju tal-Klabb ikun responsabbli għall-korrispondenza kollha, kif ukoll għall-organiżżazjoni ġenerali u, flimkien mal-President, għat-tmexxija tal-Klabb. Huwa jrid ikun responsabbli kemm li jinżammu l-minuti kollha, kif ukoll ta' dak

kollu li qiegħed isir fil-Klabb. Is-Segretarju jew l-Assistent Segretarju bħala tali, ikun membru '*ex officio'* fis-sotto-kumitati kollha.

6. L-Assistent Segretarju huwa fid-dmir li jgħin lis-Segretarju fix-xogħol tiegħu u f'dak kollu li jkun meħtieġ isir fl-assenza tas-Segretarju.

7. It-Teżorier ikun responsabbli għall-finanzi tal-Klabb. Huwa għandu jżomm rekords tat-transazzjonijiet finanzjarji kollha tal-Klabb fil-kotba tal-kontijiet rispettivi tagħhom u jħejji u jippreżenta rapport tal-kontijiet kollha lill-Kumitat fil-laqgħat ta' kull xahar meta jiġi mitlub mill-Kumitat. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu mqiegħda għall-approvazzjoni tal-Kumitat u ffirmati mill-President u t-Teżorier, wara li jinstabu li huma korretti, qabel ma jiġu ppreżentati għal-LĠA.

8. Huwa dmir tat-Teżorier li ma jżommx f'idejh bħala "cash float" aktar minn ħamest elef ewro (€5,000). Il-bqija tal-flus għandu jqgħedhom f'Banek magħżula mill-Kumitat. F'każ ta' ħlasijiet b'ċekk jew b'mod manwali jew diġitali, huma meħtieġa l-firem tat-Teżorier u tal-President jew tas-Segretarju.

9. Il-Kotba għandhom jinżammu fuq sistema approvata mill-awdituri tal-Klabb.

10. It-Teżorier għandu jżomm ukoll kotba separati li juru d-dħul u l-ħruġ ta' flus li jsiru fil-:

a) Bar, meta dan ikun immexxi mill-Kumitat;

b) Souvenir Shop

11. It-Teżorier ma jista' jagħmel l-ebda nefqa ta' iżjed minn ħamest elef ewro (€5,000) mingħajr il-permess tal-Kumitat. F'każ ta' emerġenza l-President jista' jawtorizza n-nefqa sa għaxart elef ewro (€10,000), iżda ż-żewġ uffiċjali huma marbuta li jinfurmaw b'dan lill-membri tal-Kumitat fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat li jkun imiss.

12. F'każ ta' suspett ta' serq jew misapproprjazzjoni tal-fondi tal-Klabb, għandha tiġi maħtura Kummissjoni mill-Kumitat magħmula mill-Awdituri u persuni oħra li m'għandhom l-ebda konnessjoni mal-Klabb, biex tinvestiga l-każ.

13. It-Teżorier huwa fid-dmir li jagħti rendikont, iffirmat mill-Awdituri, biex jiġi approvat mill-Kumitat u mil-LĠA. Dan ir-rendikont għandu jiġi mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel.

14. It-Teżorier ikun ukoll membru '*ex ufficio*' tas-Sotto-kumitati kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' finanzi.

15. L-Assistent Teżorier huwa fid-dmir li jgħin lit-Teżorier u meta dan ma jkunx jista' jadqi dmirijietu, jieħu r-responsabbiltajiet kollha tat-Teżorier skont l-Artikli 7 sa 14.

16. Is-Segretarju responsabbli għall-menswalità huwa fid-dmir li jiġbor il-menswalita', iżomm rekords ta' kull membru fil-Klabb, jipprovdi listi kif ikun rikjest mill-Kumitat u jfakkar lill-membri dwar it-tiġdid tal-ħlas tal-menswalità.

17. Il-Kumitat jista' minn żmien għal ieħor jaħtar minn fost il-membri li jkunu ħallsu l-menswalità, Bord Editorjali biex iservi fuq xi pubblikazzjoni tal-Klabb.

18. Il-Kumitat biss għandu d-dritt li jaħtar rappreżentant biex jitkellem f'isem il-Klabb fejn meħtieġ. Il-Kumitat jista' jsejjaħ lil dan/dawn ir-rappreżentant/i jew konsulent/i biex jattendi/u seduti tal-Kumitat bħala osservatur/i mingħajr dritt ta' vot.

19. Meta tingħata xi prokura f'isem il-Klabb tagħna (i) din għandha tkun għall-ammont u terminu speċifiku u limitat; (ii) jiffirmaw għaliha l-President u s-Segretarju jew it-Teżorier; (iii) trid tiġi approvata unanimament u b'vot sigriet mill-Kumitat.

20. Il-Membru fil-Kumitat għandu d-dmir li jgħin lil kull membru ieħor fil-Kumitat skont l-esiġenza u l-bżonn.

21. Kull talba biex membru jidher quddiem il-Kumitat għandha tintbagħat lis-Segretarju bil-miktub u dan huwa fid-dmir li jressaqha quddiem il-Kumitat fl-ewwel laqgħa li tinżamm.

22. Kull darba li l-Klabb, u mhux il-Bar, ikun miftuħ għall-pubbliku, irid ikun hemm preżenti għall-inqas membru wieħed (1) tal-Kumitat.

23. Ix-xogħol kollu li għandu x'jaqsam mal-Klabb irid jinqasam bejn il-membri tal-Kumitat kif ikun meħtieġ.

**KAP VI - Sotto-kumitati**

1. Il-Kumitat għandu l-jedd jaħtar sotto-kumitati biex jgħinu fit-tmexxija tal-Klabb. Dawn is-sotto-kumitati jistgħu jagħmlu biss rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat għall-approvazzjoni tiegħu.

2. Min ikun membru ta' xi kumitat politiku ma jistax ikun membru ta' xi sotto-kumitat ta' dan il-Klabb tagħna.

**KAP VII - Poteri tal-Kumitat**

1. Il-Kumitat jeżerċita l-amministrazzjoni (tmexxija) u l-poteri mogħtija lilu mill-Istatut u r-Regolamenti. Il-Kumitat għandu d-dritt jinterpreta r-regolamenti tal-Istatut. Din l-interpretazzjoni tista' tinbidel biss f'LĠA jew Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

2. Kull membru tal-Kumitat li juża l-Klabb għall-gwadann personali jew finanzjarju jiġi sospiż sakemm jittieħdu passi dixxiplinarji kontrih. Dan/Din j/tista' j/tiġi mkeċċi/ja mill-Klabb.

3. Il-Kumitat elett u maħtur matul il-LĠA biex imexxi il-Klabb għandu d-dritt biex jinvestiga, jirrapporta u jaġixxi kif jidhirlu xieraq, dwar l-imġieba tal-membri tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra, preżenti fi kwalunkwe ħin fil-bini tal-Klabb u kif ukoll waqt attivitajiet organizzati mill-Kumitat barra mill-bini tal-Klabb. F'tali rigward il-Kumitat għandu d-dritt li jeżerċita l-awtorita' tiegħu taħt l-istatut tal-Klabb biex irażżan u jagħti ordnijiet diretti fuq il-membri tiegħu preżenti fil-bini tal-Klabbu kif ukoll waqt attivitajiet organizzati mill-Kumitat barra mill-bini tal-Klabb. Il-Kumitat għandu d-dritt ta' kontroll sħiħ fuq il-post fejn il-membri jiltaqgħu. Għalhekk il-Kumitat għandu l-poter li jiddetermina u jsolvi kwistjonijiet jew tilwim kif jidhirlu xieraq, kompetenti u idonju li jinkludu iżda mhux limitatament is-sospensjoni jew it-tkeċċija ta' membri jew persuni oħra mill-bini tal-Klabb għall-perjodu determinat jew mhux determinat ta' żmien.

4. Meta tinqala' diffikultà li ma tkunx tista' tiġi solvuta bil-għajnuna ta' dan l-Istatut, il-Kumitat għandu l-jedd għal soluzzjoni kif jifhimha hu.

5. Laqgħa tal-Kumitat ikollha d-dritt li tħassar jew temenda deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu f'laqgħat ta' qabel tal-Kumitat.

6. Il-Kumitat jista', minn żmien għal żmien, jiġi mitlub xi dettalji personali tal-Membri tal-Klabb minn 'Manchester United Football Club'. Id-data u informazzjoni miġbura, jiġu pproċessati u trasferiti skont r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

## KAP VIII - Awdituri

1. Il-Kumitat għandu d-dritt li jagħżel Awditur/i privat/i, li wara jrid/u jiġi/u approvat/i mill-membri preżenti fil-LĠA.

2. L-Awditur/i għandu/hom id-dmir li jistħarreġ/jistħarrġu l-kotba kollha u l-irċevuti tat- Teżorier.

3. L-Awditur/i huwa/huma fid-dmir li jippreżenta/w rapport lill-Kumitat li wara jrid jiġi moqri u approvat mill-membri preżenti fil-LĠA.

## KAP IX - Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA)

1. L-ogħla awtorità tal-Klabb tkun il-LĠA li tinżamm matul ix-xahar ta' Lulju ta' kull sena sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi straordinarji li ma jippermettux dan. F'tali sitwazzjoni, il-Kumitat għandu sa mhux inqas minn 5 ġimgħat qabel l-aħħar ta' Lulju, javża lill-membri bil-miktub bir-raġuni li wasslu biex ma ssirx il-LĠA., liema LĠA. trid issir sa' l-aħħar ta' Settembru. Għal din il-Laqgħa jistgħu jattendu l-membri li jkunu ħallsu l-menswalità fl-istaġun ta' qabel l-LĠA. u jivvota fl-elezzjoni, jekk

tkun ġejja elezzjoni. Membri fil-kategoriji tat-tfal, żgħażagħ u Internazzjonali jistgħu jattendu bħala osservaturi.

2. Meta jkun wasal iż-żmien għal-LĠA, il-Kumitat għandu jgħarraf lill-membri b'ċirkulari li trid tintbagħat bil-posta jew b'mod elettroniku fejn disponibbli ħames (5) ġimgħat qabel id-data ta' din il-Laqgħa.

3. L-aġenda tal-L ĠA, flimkien mal-proposti u emendi li jkollhom x'jaqsmu mal-Istatut u r-Regolamenti, għandhom jintbagħtu lill-membri kollha li jkollhom id-dritt jattendu, bil-posta jew b'mod elettroniku fejn disponibbli ġimagħtejn qabel il-jum li jkun intgħażel għal-laqgħa.

4. Mozzjonijiet u ħwejjeġ oħra simili jridu jitwasslu bil-miktub lis-Segretarju minn membru/i tal-Klabb li jkun/u ħallsu l-menswalità sa tliet (3) ġimgħat qabel il-LĠA.

5. Emendi jew Addizzjonijiet għall-Istatut u r-Regolamenti tal-Klabb iridu jiġu approvati minn maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali jew għal-Laqgħa Generali Straordinarja qabel jidħlu fis-seħħ. Proposti ġodda jew diskussjonijiet oħra jistgħu jiġu approvati b' maġġoranza sempliċi. Proposti għas-sospensjoni tar-regolamenti jridu jgħaddu b'maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti għal-LĠA jew għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja qabel jidħlu fis-seħħ. Astensjonijiet ma jingħadux bħala voti la favur u lanqas kontra.

6. Kull kandidat propost għall-elezzjoni jrid ikun ilu msieħeb fil-Klabb għall-aħħar sentejn konsekuttivi; ikun minn 16-il sena 'l fuq u jrid ikun ukoll diġà ħallas il-menswalità għas-sena proposta tal-elezzjoni.

7. Kull membru li kien imkeċċi mill-Klabb u reġa' ddaħħal ma jkunx jista' jersaq għall-Kumitat qabel ma jgħaddu ħames (5) snin minn meta l-membru jkun reġa' ġie aċċettat lura fil-Klabb.

8. Kull nomina għandha tkun iffirmata minn membru proponent u ieħor sekondant flimkien mal-firma tal-kandidat propost li huwa jaċċetta n-nomina. In-nomina trid tasal sa' tliet ġimgħat qabel d-data tal-LĠA.

9. Il-Kumitat ma jista' jaċċetta l-ebda nomina ta' kandidat li jkun membru f'kumitat politiku.

10. Il-Kumitat għandu l-jedd li ma jilqax nomina ta' kandidat li l-kondotta tiegħu privata hija mtebbgħa jew jista' jkun ta' ħsara għall-Klabb. Fil-każ li dan il-fatt jiġi konfermat mill-Kumitat wara l-ħatra, il-kandidat maħtur jispiċċa minn membru tal-Kumitat.

11. Jekk xi kandidat għall-elezzjoni, wara li ismu jkun tniżżel fil-lista, ikun jixtieq li jiġi mħassar, irid minnufih jgħarraf lill-Kumitat bil-miktub sa' mhux aktar tard minn ġimgħa qabel id-data tal-elezzjoni.

12. Il-Kumitat għandu l-jedd li jitlob lill-kandidat/i propost/i kull xorta ta' dokument ta' identifikazzjoni li jidhirlu li hu meħtieġ.

13. Matul kull proċess biex jiġi elett Kumitat ġdid, irid ikun hemm lista ta' l-ismijiet tal-kandidati kollha li ikunu qed jikkontestaw l-elezzjoni flimkien ma' ritratt tiegħu *Passport Size*. Din il-lista trid tkun tidher f'kull "voting booth" sa' l-aħħar tal-proċess tal-votazzjoni. Kull kandidat għandu jippreżenta ritratt *Passport size* biex jintuża matul l-elezzjoni.

14. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali taħtar erba' (4) membri li jkunu ħallsu l-menswalità, ikunu ta' sittax-il (16) sena jew iżjed u minn fost dawk preżenti għall-istess laqgħa, tlieta (3) biex iservu bħala kummissjonarji fl-elezzjoni tal-Kumitat u wieħed (1) bħala riserva. Il-Kandidati tal-elezzjoni ma jistgħux iservu f'din il-kariga.

15. Il-Laqgħat Ġenerali kollha jsiru taħt il-Presidenza tal-President jew tad-Deputat tiegħu kif inhu provdut f'Kap Nru. 5.

16. Dawn il-punti (Aġenda) jiġu diskussi fil-Laqgħa Ġenerali Annwali:

I. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sena ta' qabel, u l-minuti ta' xi Laqgħa Ġenerali Straodinarja li tkun saret f'dik is-sena;
II. Indirizz mill-President;
III. Preżentazzjoni tal-kontijiet awditjati mill-awditur u tar-rapport finanzjarju mit-teżorier;
IV. Ħatra jew konferma ta' Awditur/i kwalifikat/i għas-sena ta' wara;
V. Ħatra jew konferma ta' Patruni, Presidenti Onorarji u Membri Onorarji;
VI. Elezzjoni ta' erba' (4) membri biex joqogħdu fil-Kummissjoni li tmexxi l-elezzjoni tal-Kumitat (fis-sena li jkun imissha elezzjoni);
VII. Proposti u/jew Emendi għall-Istatut u r-Regolamenti;
VIII. Kwistjonijiet oħra.

17. Il-Kummissjoni Elettorali għandha d-dmir li żżomm lista tal-membri li għandhom id-dritt jivvutaw u fuqha jniżżlu sinjali ħdejn kull min ivvota.

18. Immedjatament wara li tispiċċa l-Laqgħa Ġenerali Annwali tibda l-votazzjoni u tibqa' sejra sakemm ikun ivvota kulħadd preżenti. Il-proċess tal-voti jkompli matul l-ewwel Ħadd wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali mill-għaxra ta' filgħodu (10:00) sa nofsinnhar (12.00). L-għadd tal-voti jsir dakinnhar stess wara li jkun intefa' l-aħħar vot.

19. Jekk wara l-għadd tal-voti jirriżulta li jkun hemm tnejn (2) jew aktar kandidati li ġabu l-istess għadd ta' voti biex jimtlew l-aħħar postijiet, il-Kummissjoni Elettorali hija obbligata li żżomm elezzjoni oħra għal dawn il-kandidati sa mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) ġurnata mid-data tal-elezzjoni li tkun saret.

20. Kif jitlesta l-għadd tal-voti, ir-riżultati tal-elezzjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-membri b 'mezzi elettroniċi u, jekk ma jkunux disponibbli, permezz ta' ċirkolari. Kopja tar-riżultat u l-karti tal-voti għandhom jinżammu mis-Segretarju sa sentejn (2) wara l-elezzjoni.

21. Il-Kumitat għandu dmir isejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja jekk ikun mitlub biex jagħmel hekk minn mhux inqas minn għaxra fil-mija (10%) tal-membri mħallsa. Trid tingħata raġuni bil-miktub għal din il-laqgħa, li trid issir mhux aktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara li ssir din it-talba.

22. Il-Kumitat jista' jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja meta jidhirlu li jkun hemm il-bżonn.

23. Il-'quorum' fil-Laqgħat Ġenerali kollha ma għandux ikun anqas minn għaxra fil-mija (10%) tan-numru totali tal-membri tal-Klabb fiż-żmien li tissejjaħ il-Laqgħa. Jekk fil-ħin iffissat ma jkunx preżenti dan in-numru, il-laqgħa tinżamm kwarta wara bil-membri li jkun hemm.

24. Ir-Rapport tas-Segretarju ma jibqax jintbagħat lil kull membru iżda għandu jkun prodott fir-rivista tagħna 'Echoes from Old Trafford', xahar b'xahar, taħt l-artiklu *Club News*.

**<u>KAP X - Regolamenti Ġenerali</u>**

1. Ma tista' ssir l-ebda lotterija, ġabra ta' flus jew ta' firem għal xi petizzjoni bl-eċċezzjoni għal petizzjoni biex issir Laqgħa Ġenerali Straordinarja mingħajr il-permess tal-Kumitat.

2. Kull ittra anonima inġurjuża kontra xi membru tal-Klabb għandha tintwera lill-President u dan jiddeċiedi x'passi jittieħdu.

3. Kull min japplika jew jieħu t-tmexxija tal-Bar tal-Klabb tagħna ma jistax ikun membru fil-Kumitat. Jekk xi membru tal-Kumitat jitfa' t-*tender*, għandu jirriżenja mill-Kumitat, qabel. F'każ li ma jiħux it-*tender*, ikun jista' jerġa' jiġi aċċettat lura fil-Kumitat.

4. Kull minn mhuwiex membru jrid iħallas 'donazzjoni għad-dħul' meta jkun dieħel sabiex jara logħba fil-Klabb tagħna. **It-tfal ta' taħt is-16-il sena għandhom dħul b'xejn fil-ġranet tal- logħbiet.**